

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Settembru 2009 — Offshore Legends vs UASI — Acteon (OFFSHORE LEGENDS bl-iswed u bl-abjad, u OFFSHORE LEGENDS bil-blù, bl-iswed u bl-aħdar)

(Kawża magħquda T-305/07 u T-306/07) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal żewġ trade marks Komunitarji figurattivi OFFSHORE LEGENDS, waħda bl-abjad u bl-iswed, l-oħra bil-blù, bl-iswed u bl-aħdar — Trade mark nazzjonali figurattiva precedingi OFFSHORE 1 — Raġunijiet relativi għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħ tal-prodotti u tas-sinjal — Nuqqas ta' talba għal prova tal-użu ġenwin tat-trade mark precedingi — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament Nru 40/94 ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 15(2)(a) tar-Regolament Nru 40/94 [li saru l-Artikolu 42(2) u (3) u l-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 207/2009”])*

(2009/C 267/104)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Offshore Legends (Nevele, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Maeyaert u N. Clarembeaux, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliart-Monguinal, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza: Acteon (Saint-Tropez, Franza) (rappreżentant: M. Milon, avukat)

Suġġett

Żewġ rikorsi ppreżentati kontra żewġ deċiżjonijiet tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tad-29 ta' Mejju 2007 (Każ R 361/2007-4), kif ukoll kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur tal-UASI, tas-16 ta' Jannar 2007, f'dan l-istess każ, sa fejn din tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 4396727 għal ċerti prodotti koperti minnha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 2) Offshore Legends hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 269, 10.11.2007

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-16 ta' Settembru 2009 — Alber vs UASI (Manku)

(Kawża T-391/07) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Aplikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensjonal — Manku — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009] — Obbligu ta' motivazzjoni — Artikolu 73 tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009) — Prinċipju tal-eżami tal-fatti ex officio — Artikolu 74(1) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009”)*

(2009/C 267/105)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Alfons Alber (Verano, l-Italja) (rappreżentant: S. Schneller, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Awwissu 2007 (Każ R 361/2007-4), kif ukoll kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur tal-UASI, tas-16 ta' Jannar 2007, f'dan l-istess każ, sa fejn din tiċħad l-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 4396727 għal ċerti prodotti koperti minnha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikorsi huwa miċħud.
- 2) Alfons Alber huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 315, 22.12.2007.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Settembru 2009 — France Télécom vs UASI (UNIQUE)

(Kawża T-396/07) ⁽¹⁾

(“*Trade mark Komunitarja — Aplikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali UNIQUE — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament KE Nru 40/94 [li sar Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament KE Nru 207/2009”)*

(2009/C 267/106)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: France Télécom (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: B. Potot u C. Bertheux Scotte, avocats)